**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Angelo Caruana)

**vs**

**Ronnie Farrugia**

Illum 4 ta` Settembru 2001.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Ronnie Farrugia ta` 16 il-sena, bin Joseph u Dorothy nee` McMonagle, imwieled Pieta` fid-19 ta` Ottubru 1984 u joqghod 34, Triq Qrejzu, B`Kara, ID 540584 (M) talli:

**1.** F`H`attard, fis-6 ta` Frar 2000, ghall-habta tat-8.00 am, ikkommetta serq ta` rota mountain bike tal-marka Shimano, li tiswa Lm60, mill-parti komuni tal-blokk A5, sitwat fil-Housing Estate, liema serq sar ghad-detriment ta` Ian Farrugia li joqghod Flat 13, tal-istess blokk ta` appartamenti.

**2.** Talli fl-istess data u lok, ghall-habta tat-3.30 pm., flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta` zewg roti mountain bike, li l-valur komplessiv taghhom jammonta ghal Lm175, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elf lira maltin u li sar ghad-detriment ta` Helen Apap, li toqghod fi Flat 6, tal-istess blokk ta` appartamenti.

**3.** Talli fl-istess data u lok, f`xi hin wara nofs inhar, ikkommetta serq ta` rota mountain bike, li l-valur taghha jammonta ghal Lm76, liema serq sar ghad-detriment ta` Louise Zammit, li toqghod fi Flat 4, tal-istess blokk ta` appartamenti.

**4.** Talli fl-20 ta` Mejju 2000, u fix-xhur ta` qabel, f`Malta, xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b`kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

**5.** Talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152, tal-Ligijiet ta` Malta, b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 18 ta` Mejju 1999 li biha kien gie misjub hati ta` reati u liberat taht kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-4 ta` Mejju 2001.

Rat li l-akkuzat fis-seduta ta` llum ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mid-difiza u l-prosekuzzjoni.

Rat l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Waqt li ssib l-akkuzat **hati**, qed taghmel ordni ta` probation u qed igghielu joqghod taht is-sorveljanza tal-**Ufficcjal tal-Probation Victoria Grech ghal tlett snin** u dan qed taghmlu billi l-akkuzat ghadu zghir u jehtieg kura fil-hajja, u billi r-res furtiva instabet kollha.

Vera kopja.

(ft) Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey (Dep. Reg.)